

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Settembru 2016 – Terna vs Il-Kummissjoni(Kawża T-544/15)⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Proġetti ta' interess komuni tal-Unjoni — Għajnuna finanzjarja tal-Unjoni f'żewġ proġetti fil-qasam tan-netwerks tal-enerġija trans-Ewropej — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja inizjalment mogħtija wara awditu — Att preparatorju — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")

(2016/C 402/54)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Terna – Rete elettrica nazionale SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: A. Police, L. Di Via, F. Covone u D. Carria, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet, L. Di Paolo u A. Tokár, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li tinkludi l-ittra tal-Kummissjoni, tas-6 ta' Lulju 2015, li tnaqqas l-għajnuna finanzjarja inizjalment mogħtija fil-kuntest ta' żewġ proġetti (proġetti 2009-E255/09-ENER/09/TEN-E-S12.564583 u 2007-E 221/07/2007-TREN/07TEN-E-S07.91403) fil-qasam tan-netwerks tal-enerġija trans-Ewropej.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Terna – Rete elettrica nazionale SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 363, 3.11.2015.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Settembru 2016 – POA vs Il-Kummissjoni(Kawża T-584/15)⁽¹⁾

[“Rikors għal annullament — Applikazzjoni għal regiżstrazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta ('Halloumi' jew 'Hellim') — Deċiżjoni ta' pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, Serje C, ta' applikazzjoni għal regiżstrazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 — Att preparatorju — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”]

(2016/C 402/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Pagkyprinos organismos ageladotrofon (POA) Dimosia Ltd (Latsia, Ċipru) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lewis u J. Guillem Carrau, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, C 246, p. 9) l-applikazzjoni għal regiżstrazzjoni CY/PDO/0005/01243, imressqa mir-Repubblika ta' Ċipru, sa fejn qieset li din l-applikazzjoni kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet iddefiniti mir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalitā għal prodotti agríkoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1), kif previsti fl-Artikolu 50(1) ta' dan ir-regolament.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Pagkyprions organismoς ageladotrofon Dimosia Ltd (POA) għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-ispejjeż relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(¹) ĠU C 406, 7.12.2015.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2016 – Gaki vs Europol

(Kawża T-366/16)

(2016/C 402/56)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Anastasia-Soultana Gaki (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: G. Keisers, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

Talbiet

- tirrispetta d-dritt tar-riktorrenti għal opinjoni motivata dwar liema huma ċ-ċirkustanzi tal-fatt allegatament imwettaq mir-riktorrenti skont il-mandat ta' arrest Ewropew li nħareġ mill-Greċja u li abbażi tagħhom hija mfittxija illegalment sa mill-2011 fl-Unjoni Ewropew bl-appoġġ ta' Europol;
- tordna l-ibblokkar tad-data illegali u żbaljata mdaħħla kontriha fis-sistema ta' informazzjoni ta' Europol mill-awtorità ta' kontroll komuni ta' Europol (iktar 'il-quddiem, l-“awtorità ta' kontroll komuni”);
- tordna lill-awtorità ta' kontroll komuni tivverifika, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt tagħha għal aċċess u għal konsultazzjoni tad-data mdaħħla fis-SIS II, jekk il-preġudizzju kontra l-libertà tar-riktorrenti huwiex awtorizzat skont il-kontenut tal-mandat ta' arrest Ewropew;
- tordna lill-Europol jistaqsi lill-prosekuratur tal-qorti tal-appell ta' Ateni (Greċja) liema prosekuratur ordna, fit-23 ta' Mejju 2016, iż-żamma fis-seħħ tal-mandat ta' arrest Ewropew u, għaldaqstant, id-detenzjoni arbitrarja tar-riktorrenti, u jistaqsi barra minn hekk liema miż-żewġ mandati ta' arrest nazzjonali (il-mandat ta' arrest Ewropew huwa kopja ta' dawn) huwa validu. Huwa għandu jindika wkoll għal liema raġuni, meta l-mandat ta' arrest Ewropew isemmi l-indirizz tar-riktorrenti fil-Ġermanja, iż-żewġ mandati ta' arrest nazzjonali (il-mandat ta' arrest Ewropew huwa kopja ta' dawn) inħarġu kontra r-riktorrenti minħabba li l-ġustizzja Griega allegatament ma kellhiex indirizz tar-riktorrenti;
- l-awtorità ta' kontroll komuni għandha tispeċifika b'mod immotivat x'passi ħa l-Europol wara li ġie informat bil-fatt li tressaq ilment quddiem il-prosekuratur pubbliku ta' Düsseldorf kontra l-prosekuratur Grieg li ħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew kontra r-riktorrenti;
- tordna li hija tingħata danni għal ammont ta' EUR 3 miljun.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-riktorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 41 tad-Deċiżjoni 2007/533/ ĠAI (¹), tal-Artikoli 30(7), 31 u 52 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI (²).